

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 20.10.2010
KUMM(2010) 579 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

Qafas tal-UE għall-Immaniġjar tal-Kriżijiet fis-Settur Finanzjarju

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

Qafas tal-UE għall-Immaniġjar tal-Kriżijiet fis-Settur Finanzjarju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

Matul il-kriżi finanzjarja, il-gvernijiet skoprew li l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji sistemiċi oħra ma jistgħux jitħallew ifallu. Fi kliem ieħor, ma kien hemm l-ebda mod sempliċi għal bank biex ikompli jipprovdi l-funzjonijiet bankarji essenzjali filwaqt li kien insolventi, u fil-każ ta' falliment ta' bank kbir, dawk il-funzjonijiet ma setgħux jitwaqqfu mingħajr ħsara sistemika sinifikanti. L-azzjonijiet li l-gvernijiet kienu kostretti jieħdu biex jindirizzaw l-istituzzjonijiet bankarji f'diffikultà - ippumpjar ta' kapital, miżuri ta' salvataġġ tal-assi, garanziji fuq l-assi u l-obbligazzjonijiet u sostenn lill-likwidità - irnexxielhom jistabilizzaw is-sistema finanzjarja. Madankollu, wasslu wkoll għat-tfaqqis ta' istituzzjonijiet falluti u appoġġaw lill-kredituri bi prezz għoli għall-finanzi pubbliċi. Il-gvernijiet tal-UE impenjaw għajnuma li tammonta għal madwar 30 % tal-PDG tal-UE, filwaqt li l-għajnuma użata tammonta għal 13 %¹. Dawn l-interventi pubbliċi kellhom impatt sinifikanti fuq il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern².

Hemm kunsens li dan ma għandux jerġa' jigrigi. Il-banek iridu jitħallew ifallu, bħal kwalunkwe negozju ieħor. L-awtoritajiet irid ikunu mgħammra b'għodod li jippermettulhom jipprevjenu l-ħsara sistemika kkawżata mill-falliment diżordinat ta' tali istituzzjonijiet, mingħajr ma l-kontribwenti jgħu esposti bla bżonn għar-riskju ta' telf jew il-ħolqien ta' ħsara ekonomika aktar mifruxa. Flimkien ma' regolazzjoni eħrex li tnaqqas il-probabilitajiet li bank jispiċċa f'diffikultà, jeħtieġ reġim kredibbli biex jerġa' jnissel dixxiplika fis-suq assoċjata mat-theddida ta' falliment u biex inaqqas il-periklu morali - il-protezzjoni impliċita mill-falliment li dawk fis-settur bankarju jgawdu bħalissa.

Il-Kummissjoni kienet qed tiżviluppa rispons ta' politika tal-UE, u sal-lum adottat żewġ Komunikazzjonijiet b'rabta mal-immaniġjar tal-kriżijiet u r-risoluzzjoni. L-ewwel waħda, f'Ottubru 2009³, qieset x'bidliet kienu meħtieġa biex ikunu possibbli l-immaniġjar u r-risoluzzjoni effikaċi tal-kriżijiet jew l-istralċ ordinar ta' bank transfronter li jfalli, u kienet soġġetta għal konsultazzjoni pubblika. Ir-riżultati ta' dik il-konsultazzjoni kienu ppreżentati f'konferenza dwar l-immaniġjar tal-kriżijiet organizzata mill-Kummissjoni f'Marzu 2010⁴. Fir-rebbiegħa 2010 il-Kummissjoni stabilixxiet grupp ta' esperti legali dwar l-insolvenza biex jassisti

¹ Is-servizzi tal-Kummissjoni u informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri permezz tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarji, sa Diċembru 2009.

² Il-Kummissjoni Ewropea għalhekk talbet, fejn xieraq, għall-kondiviżjoni tal-piż u miżuri biex jillimitaw tali distorsjonijiet fil-kompetizzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-trattat tal-UE.

³ COM(2009) 561.

⁴ Informazzjoni fuq dik il-konferenza, inkluż il-preżentazzjonijiet u ktibiet jinsabu ppubblikati fuq is-sit tal-internet tal-Kummissjoni:
http://ec.europa.eu/internal_market/bank/crisis_management/index_en.htm#conference

fix-xogħol preparatorju. It-tieni Komunikazzjoni ppubblikata f'Mejju 2010⁵ esplorat il-finanzjament tar-risoluzzjoni b'mod li jimminimizza l-periklu morali u jipproteġi l-fondi pubbliċi⁶. Rapport mill-Parlament Ewropew għamel ukoll rakkomandazzjonijiet importanti dwar l-Immaniġjar tal-Kriżijiet Transfruntieri fis-Settur Bankarju (ir-Rapport Ferreira)⁷.

Il-Kummissjoni qed tgħin biex tingħata sura lill-ħidma tal-FSB u l-G20, u qed timmonitorja mill-qrib żviluppi internazzjonali. Is-samit tal-G20 organizzat f'Toronto f'Ġunju 2010 impenja ruħu fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' sistemi fejn l-awtoritajiet jkollhom is-setgħat u l-għodod biex jirristrutturaw jew jirriżolvu t-tipi kollha ta' istituzzjonijiet finanzjarji fi kriżi, mingħajr ma l-kontribwenti fl-aħħar mill-aħħar ikollhom iġorru l-piż. Il-G20 appellat ukoll lill-FSB biex iqis u jiżviluppa rakkomandazzjonijiet ta' politika konkreti biex jiġu indirizzati problemi assoċċjati ma' istituzzjonijiet finanzjarji ta' importanza sistemika u jirrizolvihom sas-Samit ta' Seoul f'Novembru 2010⁸. FI-US, ir-riforma Frank-Dodd stabilixxiet⁹ qafas tar-risoluzzjoni għall-istituzzjonijiet sistemiċi fil-livell ta' grupp.

Din il-Komunikazzjoni tispjega l-orjentazzjonijiet ta' politika li l-Kummissjoni fi ħsiebha tfitteq abbażi tal-ħidma li saret sal-lum dwar l-immaniġjar tal-kriżijiet u r-risoluzzjoni. Il-Kummissjoni ser tkompli bix-xogħol preparatorju skont dawn il-linji bil-ħsieb li tippreżenta proposti leġiżlattivi fir-rebbiegħa 2011. Dik il-proposta ser tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt, u ser tikkompleta l-implimentazzjoni tal-Kummissjoni tar-riformi prinċipali mill-G20 fil-qasam tar-regolazzjoni finanzjarja. F'Diċembru 2010 ser titvara konsultazzjoni pubblika dwar id-dettalji tekniċi tal-qafas leġiżlattiv li qed jiġi kkunsidrat. It-Taqsima 6 ta' din il-Komunikazzjoni ser tispjega aktar wkoll il-ħidma dwar ir-riforma tal-liġi dwar l-insolvenza u r-risoluzzjoni tal-grupp transfruntieri.

2. AMBITU U GĦANIJET

Il-qafas spjegat f'din il-Komunikazzjoni ser japplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha u xi ditti ta' investiment¹⁰ irrispettivament jekk joperawx b'mod transfruntier jew domestiku. Madankollu, il-Kummissjoni ser twettaq aktar xogħol fuq ir-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra, u tirrapporta sa tmiem l-2011. Dak ix-xogħol ser iqis, partikolarment, x'arranġamenti ta' mmaniġjar tal-kriżijiet u r-risoluzzjoni, fejn applikabbli, jkunu neċessarji u xierqa għal istituzzjonijiet finanzjarji oħra, inkluż kumpaniji tal-assigurazzjoni, fondi ta' investiment u Kontropartijiet Ċentrali.

L-għan fundamentali ta' qafas Ewropew tar-risoluzzjoni għandu jkun li l-istituzzjonijiet ta' kwalunkwe tip u qies f'diffikultà, u partikolarment istituzzjonijiet sistemikament importanti jiġihallew ifallu mingħajr riskju għall-istabilità finanzjarja filwaqt li jiġu evitati kostijiet għall-

⁵ COM(2010) 254.

⁶ It-test taż-żewġ Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni preċedenti jistgħu jinstabu fis-sit: http://ec.europa.eu/internal_market/bank/crisis_management/index_en.htm

⁷ Il-Parlament Ewropew, A7-0000/2010, il-Kumitat dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari, relatur: Elisa Ferreira.

⁸ L-ideat ippreżentati f'dan id-dokument huma konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet li qed jiġu żviluppati fl-FSB.

⁹ Il-Wall Street Reform and Consumer Protection Act (Pub.L. 111-203, H.R. 4173).

¹⁰ Il-politika tal-Kummissjoni timmira biex tkopri dawk id-ditti ta' investiment li l-falliment tagħhom jista' jikkawża instabilità sistemika, u qed tikkunsidra alternattivi dwar kif tista' tiġi ddefinita dik il-kategorija.

kontribwenti. Biex jintlaħaq dan fis-settur bankarju, il-Kummissjoni qed tiżviluppa qafas għall-prevenzjoni, l-immaniġjar tal-kriżijiet u r-riżoluzzjoni bbażat fuq l-għanijiet segwenti:

- **Jitpoġġa l-ewwel il-prevenzjoni u l-preparazzjoni:** pjanar komprensiv u miżuri preventivi għandhom jgħinu l-awtoritajiet u d-ditti jippreparaw għar-riżoluzzjoni, u għandhom jikkomplimentaw riformi oħra biex jitnaqqsu r-riskji fis-sistema finanzjarja.
- **Jiġu pprovduti għodod kredibbli ta' riżoluzzjoni** bl-iżgurar li l-awtoritajiet ikollhom alternattivi biex jirriżolvu istituzzjonijiet b'mod li jimminimizza r-riskji ta' kontaġġu u li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi finanzjarji essenzjali, inkluż l-aċċess kontinwu għad-depożiti għad-depożitori assicurati;
- **Tkun possibbli azzjoni mgħaġġla u deċiżiva**, billi jiddaħħlu fis-seħħ setgħat u proċessi ddefiniti sew u jitneħħew l-inċertezzi legali dwar meta l-awtoritajiet ikunu jistgħu jintervjenu u dwar l-azzjonijiet li jkunu jistgħu jieħdu;
- **Jitnaqqas il-periklu morali** billi tiġi żgurata allokkazzjoni xierqa tat-telf bejn l-azzjonisti u l-kredituri u jiġu protetti l-fondi pubbliċi. Dan jimplika li, bħala minimu, il-kostijiet tar-riżoluzzjoni għandhom jinġarru mill-azzjonisti u, kemm jista' jkun, il-kredituri tal-istituzzjonijiet inkwistjoni b'mod li jirrifletti l-ordni normali tal-gradazzjoni u fejn neċessarju skont l-industrija bankarja kumplessivament;
- **Ikun ta' kontribut għar-riżoluzzjoni mingħajr intoppi ta' gruppi transfruntieri** biex jiġi żgurat taqlib mill-anqas fis-suq intern, qsim ġust tal-kostijiet u l-preservazzjoni tas-servizzi bankarji essenzjali;
- **Tiġi żgurata ċ-ċertezza legali**, salvagwardji xierqa għall-partijiet terzi u tiġi ristretta kwalunkwe interferenza fid-drittijiet ta' proprjetà għal dak li jkun neċessarju u ġustifikat fl-interess pubbliku. Il-qafas għandu jimmira li jiġi żgurat li l-kredituri jirċievu trattament simili għal dak li jirċievu kieku l-bank kellu jiġi stralċat¹¹;
- **Jiġu limitati distorsjonijiet fil-kompetizzjoni**, li jiġu mill-interventi li jgħawwġu l-kundizzjonijiet ekwi fis-settur finanzjarju fil-livell Ewropew. Dan jimplika li l-għajnuna mill-Istat mogħtija skont il-qafas tar-riżoluzzjoni jrid ikun kompatibbli mar-regoli tat-Trattat u s-suq intern.

Qafas tal-immaniġjar tal-kriżi bbażat fuq dawn l-għanijiet għandu jiżgura li l-banek f'diffikultà joħorġu mis-suq mingħajr ma jippreġudikaw l-istabilità finanzjarja. Mingħajr tali qafas, ma jista' jkun hemm l-ebda alternattiva realistika fi kriżi futura għajr li jerġgħu jiġu ppleġġjati l-istituzzjonijiet finanzjarji.

3. ELEMENTI PRINĊIPALI TAL-QAFAS

Il-qafas tal-immaniġjar tal-kriżijiet li l-Kummissjoni qed tiżviluppa fih tliet klassijiet ta' miżuri: miżuri preparatorji u preventivi; intervent superviżorju bikri; u għodod u setgħat tar-riżoluzzjoni. Xi wħud minn dawn l-għodod diġà jeżistu f'reġimi nazzjonali imma xi wħud ikunu ġodda għal xi Stati Membri. Għalhekk ser ikun neċessarju li tiġi żgurata tranżizzjoni bla

¹¹ Fis-sens li l-kredituri ma jkunux la f'pożizzjoni aħjar u lanqas f'pożizzjoni aġar milli kienu jkunu kieku l-bank kellu jiġi stralċat.

intoppi bejn l-arranġamenti nazzjonali attwali u l-qafas futur. L-intervent bikri u l-miżuri tar-riżoluzzjoni jrid jagħtu lill-awtoritajiet firxa wiesgħa ta' alternattivi u, soġġett għal skattaturi, il-qafas ma għandux ikun preskrittiv dwar liema miżuri jintużaw f'każ partikolari.

3.1. Awtoritajiet responsabbli mill-immaniġjar tal-kriżijiet

Is-setgħat ta' intervent bikri ser ikompli jiġu eżerċitati mis-superviżuri prudenzjali skont id-Direttiva tar-Rekwiżiti Kapitali ('DRK')¹².

Il-qafas il-ġdid tal-immaniġjar tal-kriżijiet ser jeħtieġ kull Stat Membru jidentifika awtorità tar-riżoluzzjoni biex teżerċita s-setgħat tar-riżoluzzjoni. Dawk l-awtoritajiet għandhom ikunu amministrattivi aktar milli ġuridizzjali, imma ma jidhrix neċessarju f'dan l-istadju li jiġi preskritt aktar liema korp nazzjonali għandu jaġixxi bħala l-awtorità tar-riżoluzzjoni. Dan ser jippermetti lill-Istati Membri biex iżommu l-arranġamenti nazzjonali eżistenti skonthom, kwalunkwe mill-Ministeru tal-Finanzi, il-Bank Ċentrali jew l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti jistgħu jkunu responsabbli għar-riżoluzzjoni. Il-Kummissjoni tinnota, madankollu, li f'bosta ġurisdizzjonijiet l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni huma separati kif xieraq mis-superviżuri u tqis tali separazzjoni importanti biex jiġu mminimizzati r-riskji ta' tolleranza.

3.2. Miżuri preparatorji u preventivi

Il-Kummissjoni qed tikkunsidra għadd ta' miżuri maħsuba biex iżidu l-probabilità li l-problemi li jiżviluppaw jiġu identifikati u indirizzati fi stadju bikri, u biex itejbu kemm id-ditti u l-awtoritajiet ikunu ppreparati biex jindirizzaw effikaċement diffikultajiet serji.

Superviżjoni rinfurzata

Il-fallimenti fis-superviżjoni effettiva ppreċedew u kkontribwixxew għall-kriżi riċenti. Il-Kummissjoni għalhekk għandha fi ħsieba tirrinforza r-reġim superviżorju skont id-DRK biex teħtieġ it-tnejn annwali ta' programm superviżorju għal kull istituzzjoni superviżorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji; użu akbar u aktar sistemiku ta' eżaminazzjonijiet superviżorji fuq il-post; standards aktar robusti u aktar intrussivi u valutazzjoni superviżjoni prospettiva.

Trasferibilità tal-assi

Il-Kummissjoni qed tikkunsidra miżuri li jkunu jispeċifikaw iċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet li fihom l-istituzzjonijiet regolati skont id-DRK jistgħu jittrasferixxu l-assi fi grupp, inkluż sitwazzjonijiet fejn l-entitajiet fil-grupp jesperjenzaw stress tal-likwidità¹³. L-għan ikun li jiġi stabilit qafas ta' abilitazzjoni għall-immaniġjar tal-likwidità intragrupp li jrid jinkludi s-salvagwardji neċessarji biex tiġi ppriservata l-istabilità finanzjarja fl-Istati Membri fejn l-entitajiet trasferenti jkunu ġew stabiliti u biex jiġu protetti d-drittijiet tal-kredituri u l-azzjonisti.

Pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni

Għaddej xogħol fuq livell internazzjonali dwar il-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni bħala element essenzjali għall-ippjanar għall-falliment ta' istituzzjonijiet kbar, u dan huwa rikonoxxut ħafna bħala komponent neċessarju għal reġim effikaċi tal-immaniġjar tal-kriżijiet.

¹² Id-Direttiva 2006/48/KE u 2006/49/KE.

¹³ Ser jeħtieġ jitqies it-ttrament ta' tali trasferiment skont ir-reġim fiskali applikabbli. It-ttrament kontabilistiku wkoll ser ikun jeħtieġ jiġi kkunsidrat separatament.

Il-Kummissjoni qed tipparteċipa f'dan ix-xogħol u ser timmira lejn il-konsistenza mal-eżitu tal-iżviluppi fil-livell internazzjonali.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment kollha koperti mir-reġim ikunu meħtieġa jippreparaw u jżommu aġġornati pjanijiet ta' rkupru li jstabilixxu miżuri li l-istituzzjoni jew grupp jieħdu f'xenarji differenti biex jindirizzaw problemi ta' likwidità, jiġbru kapital u jnaqqsu r-riskju. Il-pjanijiet ikunu mistennija li jkunu dettaljati u realistiċi, u ma għandhomx jassumu aċċess għal xi sostenn mill-fondi pubbliċi. Madankollu, ir-rekwiżit biex jitħejja pjan ta' rkupru għandu jiġi applikat proporzjonalment, b'mod li jirrifletti d-daqs tad-ditta, in-natura tas-sorsi tagħha għall-finanzjament u sa liema livell sostenn tal-grupp jew settorjali ieħor jista' jkun kredibilment disponibbli. L-istituzzjonijiet ikunu meħtieġa jissottomettu pjanijiet lis-superviżuri għall-valutazzjoni dwar jekk ikunx komprensivi u kemm ser jirrestawraw il-vijabilità tal-istituzzjoni.

Rekwiżit għal pjanijiet ta' riżoluzzjoni aġġornati jkun japplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment kollha koperti mir-reġim, bil-għan li jiġi żgurat l-ippjanar neċessarju biex ikun possibbli li l-operazzjonijiet tal-bank jew ditta jiġu ttrasferiti jew stralċati b'mod ordinat fil-każ tal-falliment tagħhom. Dawn il-pjanijiet jitħejjew mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni u s-superviżuri, b'kooperazzjoni mill-qrib mad-ditti li jkunu jeħtieġu jfornu l-informazzjoni neċessarja¹⁴. Pereżempju, il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni jkunu jeħtieġu d-dettalji dwar l-istruttura tal-grupp, il-garanziji intragrupp u l-ftehimiet fil-livell ta' servizz, kuntratti u kontropartijiet, obligazzjonijiet ta' dejn, arranġamenti ta' kustodja, kif ukoll informazzjoni operazzjonali dwar is-sistemi tal-IT u r-riżorsi umani.

Il-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni jkunu meħtieġa kemm fil-livell ta' entità kif ukoll ta' grupp u jkunu maqbula komunement fil-kuntest ta' kulleġġi tar-riżoluzzjoni¹⁵.

Setgħat preventivi

Kumplementari mal-miżuri tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-awtoritajiet għandu jkollhom setgħat preventivi li jistgħu jiġu applikati fil-każijiet fejn l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni iqisu li jkun hemm impedimenti għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew grupp skont ir-reġimi applikabbli. L-għan ikun li s-supervizuri¹⁶ jkun jistgħu, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jadottaw miżuri, inkluż bidliet fl-operazzjonijiet kummerċjali u l-istruttura korporattiva, neċessarji biex jiġi żgurat li r-riżoluzzjoni tkun vijabbli skont il-qafas legali applikabbli. Is-setgħat preventivi li qed jiġu kkunsidrati jinkludu rekwiżiti li jillimitaw jew jimmodifikaw l-iskoperturi; iżidu r-rapportar; jirrestrinġu jew jipprojbixxu ċerti attivitajiet; jew ibiddu fl-istrutturi gruppi (inkluż l-immappjar ta' attivitajiet speċifiċi ma' entitajiet ġuridiċi). Billi s-setgħat li jirrikjedu bidliet fl-istrutturi ġuridiċi u l-arranġamenti operazzjonali huma bla dubju intrużivi, ikunu għalhekk neċessarji kontrolli u bilanċi xierqa. Dawn jinkludu dritt tad-ditta li tikkontesta kwalunkwe rekwiżit għar-ristrutturar impost mis-superviżur jew l-awtorità tar-riżoluzzjoni.

¹⁴ Ikunu japplikaw ir-restrizzjonijiet normali fuq id-divulgazzjoni mis-superviżuri u awtoritajiet oħra ta' informazzjoni kunfidenzjali.

¹⁵ Ara t-Taqsima 4.1.

¹⁶ Is-superviżur konsolidanti, skont it-tifsira tad-Direttiva 2006/48/KE, ikun responsabbli biex jiddeċiedi dwar kwalunkwe bidliet meħtieġa fil-livell ta' grupp.

3.3. Skattaturi

L-iskattaturi għal intervent bikri u għar-riżoluzzjoni jeħtieġu jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti jkunu kapaċi jieħdu azzjoni f'waqtha, u għandhom ikunu ċari u trasparenti biżżejjed biex jimminimizzaw l-inċertezza min-naħa tas-superviżuri, ditti u kontropartijiet fis-suq fir-rigward ta' jekk ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-intervent.

Skattaturi għal Intervent Bikri

Id-DRK bħalissa tipprovdi setgħat ta' intervent bikri għas-superviżuri biex jimponu miżuri fuq il-banek li jfallu milli jissodisfaw rekwiżit f'dik id-Direttiva¹⁷. Sabiex jiġi żgurat li s-superviżuri jkunu jistgħu jintervjenu fi stadju bikri biżżejjed biex jindirizzaw effikaċement problema li tkun qed tiżviluppa, iċ-ċirkostanzi li fihom is-superviżuri jistgħu jimponu tali miżuri jistgħu jiżiedu biex jinkludu każijiet fejn ikun aktar probabbli li bank jew ditta ta' investment jonqsu li jissodisfaw rekwiżit tad-DRK. Minħabba li r-rekwiżiti tad-DRK huma mifruxa ħafna, ksur jew ksur eventwali ta' rekwiżit ma jfissirx neċessarjament li l-istituzzjoni inkwistjoni jkunu qed jiltaqgħu ma' problemi serji tat-tip li, jekk ma jiġux immaniġjati, iwasslu għal deterjorament jew falliment potenzjali. Il-miżuri ta' intervent bikri li jistgħu jsiru disponibbli skont id-DRK ivarjaw f'kemm ikunu intrużivi, u s-superviżuri jkunu mistennija jgħažluhom b' mod li jkun xieraq u proporzjonat għan-natura u s-severità tal-ksur.

Skattaturi tar-Riżoluzzjoni

Għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja, il-kundizzjonijiet ta' livelli limitu għall-użu tal-ġhodod u s-setgħat tar-riżoluzzjoni jeħtieġu li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jkunu kapaċi jieħdu azzjoni qabel bank jasal għall-insolvenza fil-karta bilanċjali¹⁸. Il-posponiment tal-intervent sakemm il-bank ikun laħaq dak il-punt x'aktarx jillimita l-għażla tal-alternattivi effikaċi għar-riżoluzzjoni jew iż-żieda fl-ammont ta' fondi li jkunu meħtieġa jiġu impenjati b'appoġġ għal tali alternattiva. Madankollu, minħabba li l-ġhodod jistgħu jinvolvu interferenza sinifikanti mad-drittijiet tal-proprjetà tal-azzjonisti u l-kredituri, l-iskattaturi għar-riżoluzzjoni jridu wkoll jiżguraw li l-azzjoni tar-riżoluzzjoni ma titteħidx qabel l-alternattivi realistiċi l-oħra kollha ta' rkurpu jkunu ġew eżawriti u li l-intervent ikun fl-interess pubbliku.

Il-Kummissjoni qed tqis firxa ta' alternattivi li jimmiraw li jinkludu r-rekwiżit li istituzzjoni għandha tkun f'diffikultà serja mingħajr l-ebda prospetti realistiċi ta' rkupru f'perspettiva ta' żmien li tkun xierqa għar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja ppreżentati mid-diffikultà tal-istituzzjoni u l-probabilità ta' falliment. Kundizzjonijiet ta' livelli limitu possibbli mmirati lejn is-solvenza jew il-likwidità ta' istituzzjoni jinkludu valutazzjoni mis-superviżuri li l-istituzzjoni tkun ġarrbet jew x'aktarx iġġarrab telf li jkun ser jiddeterjora l-kapital regolatorju tagħha; li l-assi tagħha x'aktarx ikunu anqas mill-obbligazzjonijiet tagħha; li wisq probabbli ma tkunx f'pożizzjoni li tħallas l-obbligi tagħha fil-perkors normali tal-operat; jew, aktar ġenerali, li ma jkollhiex riżorsi adegwati biex tkompli l-operazzjonijiet tagħha. Alternattivi aktar kwalitattivi jinkludu valutazzjoni superviżorja li l-istituzzjoni ma tibqax tissodisfa, jew tkun mistennija li tonqos li tissodisfa, il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tagħha biex twettaq operazzjonijiet bankarji jew ta' investment. Ovvjament hemm livell ta' dupplikazzjoni bejn

¹⁷ L-Artikolu 136 tad-Direttiva 2006/48/KE. Dawn is-setgħat japplikaw għad-ditti ta' investment permezz tal-Artikolu 37 tad-Direttiva 2006/49/KE.

¹⁸ Insolvenza fil-karta bilanċjali ġeneralment tkun il-livell limitu għall-finijiet ta' proċedimenti ordinati ta' insolvenza.

dawn l-alternattivi, u l-Kummissjoni ser tikkunsidra aktar liema tilħaq l-aqwa bilanċ bejn il-flessibilità u l-oġġettività.

Barra mill-iskattaturi kwalitattivi jew kwantitattivi tat-tip imfissra hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li tinkludi kundizzjoni oħra li r-risoluzzjoni tkun neċessarja fl-interess pubbliku. It-test tal-interess pubbliku jiġi ssodisfat, pereżempju, jekk l-istralċ tal-istituzzjoni skont il-proċedimenti ordinarji ta' insolvenza ma jkunux żguraw l-istabilità tas-sistema finanzjarja jew il-kontinwità tas-servizzi essenzjali tal-infrastruttura finanzjarja. Jekk il-kundizzjoni tal-interess pubbliku ma tiġix issodisfata, l-istituzzjoni għandha tiġi stralċata ladarba jintlaħaq il-livell limitu ta' likwidazzjoni insolventi.

Anki jekk jiġu armonizzati l-iskattaturi għal intervent bikri u r-risoluzzjoni, jibqa' r-riskju li l-awtoritajiet idewmu l-intervent jew saħansitra jonqsu li jindunaw fil-ħin li l-iskattaturi ntlaħqu. Dan ir-riskju jista' jiġi mminimizzat mill-iżvilupp ta' indikaturi komuni u metodoloġija miftiehma li tkun tipprowdi aktar gwida dwar meta l-intervent għandu jseħħ. L-iskrutinju tal-pari fost il-kulleġġi għandu wkoll jgħin biex jitnaqqsu r-riskji li l-problemi li jiżviluppaw ma jiġux identifikati jew indirizzati.

3.4. Intervent bikri

Din it-taqsimha tiddeskrivi miżuri li qed jiġu kkunsidrati sabiex jiġu indirizzati l-problemi li jkunu qed jiżviluppaw fil-livell ta' entità u ta' grupp fi stadju bikri, jiġu pprevenuti milli jaggravaw u jiggarantixxu l-irkupru.

Setgħat superviżorji

Is-setgħat tas-superviżuri ta' intervent bikri ser jiġu estiżi u kkjarifikati. Miżuri ġodda disponibbli għas-superviżuri jistgħu jinkludu setgħat ċari biex jipprojbixxu l-ħlas ta' dividendi u, fejn fattibbli, kupuni ta' strumenti ibridi eliġibbli bħala kapital regolatorju; jeħtieġu s-sostituzzjoni tal-manigġers jew diretturi; jew jeħtieġu li bank jagħmel ċessjoni ta' attivitajiet jew linji operatorji li jippreżentaw riskju eċċessiv għas-sodezza finanzjarja tiegħu. Kif indikat hawn fuq, dawn is-setgħat ikunu disponibbli fil-każ ta' ksur jew il-probabilità ta' ksur tar-rekwiżiti tad-DRK, u jkunu għalhekk distinti mis-setgħat preventivi diskussi fit-taqsimha preċedenti.

Pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-irkupru

Bil-mira li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jieħdu passi f'waqthom biex jiġu indirizzati problemi fi stadju bikri, il-banek u d-ditti ta' investment koperti bil-qafas għandhom ikunu soġġetti għal obbligu ġdid, fuq it-talba tas-superviżuri, biex jissottomettu pjan li jkun fih il-miżuri li jkun fi ħsiebhom li jieħdu biex jirrestawraw l-istituzzjoni f'sitwazzjoni speċifika tal-istress finanzjarju. Dan l-obbligu jkun japplika fejn istituzzjoni tkun qed tfalli milli tilħaq ir-rekwiżiti ta' solvenza tad-DRK jew kwalunkwe rekwiżiti futuri dwar il-likwidità. Huwa mistenni li f'bosta każijiet, il-pjan jirreferi u japplika miżuri ta' kontinġenza diġà stipulati fil-pjan ta' rkupru tad-ditta.

Maniġment speċjali

Barra mis-setgħat superviżorji aktar mifruxa skont id-DRK, is-superviżuri jistgħu jingħataw is-setgħa li jaħtru manigġer speċjali għal perjodu limitat ta' mhux aktar minn sena biex jieħu f'idejh il-manigġment, jew jassisti l-manigġment eżistenti, ta' istituzzjoni li tkun qed tonqos li tissodisfa ir-rekwiżiti tad-DRK u jew ma tkunx issottomettiet pjan kredibbli kif imsemmi fil-

paragrafu preċedenti jew tonqos li timplimenta l-pjan b'mod effikaċi. Il-maniġer speċjali jeżerċità s-setgħat kollha tal-maniġment imma d-dover primarju tiegħu jkun li jirrestawra s-sodezza tal-istituzzjoni. B'hekk id-drittijiet tal-azzjonisti ma jkunux affettwati, u l-approvazzjoni tal-azzjonisti tkun meħtieġa għal kwalunkwe azzjoni mill-maniġer speċjali li tkun teħtieġ il-kunsens li kieku tittieħed mid-diretturi. Id-deċiżjoni li jinħatar maniġer speċjali ma għandhiex timplika garanzija mill-istat jew tesponi lis-superviżuri għar-responsabilità għall-azzjonijiet tal-maniġer speċjali. Id-dimensjoni tar-responsabilità tal-maniġer speċjali jistħoqqilha aktar analiżi.

3.5. Riżoluzzjoni

Ir-regola ġenerali għandha tkun li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jfallu għandhom jiġu llikwidati skont il-proċedimenti ordinarji ta' insolvenza. Madankollu, għall-kuntrarju ta' setturi oħra tal-ekonomija, fis-settur finanzjarju normalment ġara li l-istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu f'fall, u partikolarment dawk ta' importanza sistemika, ma jkunux ġew ittrattati skont proċedimenti ta' insolvenza ordinarji. Il-Kummissjoni ser tikkunsidra x'riforma tal-liġi tal-insolvenza bankarja hija neċessarja biex jiġi żgurat li l-banek falluti jkunu jistgħu jiġu llikwidati bħala t-tieni fażi, kif spjegat fit-Taqsima 5, bil-għan aħħari tal-iżgurar li l-likwidazzjoni tkun alternattiva realistika.

Madankollu, mhux ser ikun dejjem fattibbli li jiġi llikwidat bank jew ditta ta' investment skont proċedimenti ta' insolvenza ordinarji. F'xi każijiet, stralċ ordinarju permezz ta' riżoluzzjoni ser ikun neċessarju fl-interess pubbliku għal raġunijiet ta' stabilità finanzjarja: sabiex jiġi mminimizzat il-kontaġġu, tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet ekonomiċi vitali, jiġi mmassimizzat il-valur tal-assi li jifdal u jiġi ffaċilitat ir-ritorn tagħhom għall-użu produttiv fis-settur privat¹⁹.


Il-miżuri li jimmiraw lejn iż-żamma tal-entità bħala negozju avvjat - bħas-setgħa ta' tnaqqis fil-valur tad-dejn jew li jiġi kkonvertit f'ekwità²⁰ - għandhom jitħallew bħala l-aħħar riżorsa, u jintużaw biss f'każijiet ġustifikati kif dovut. Dan jgħin l-enfasi tad-dixxiplina fis-suq.

Il-Kummissjoni tqis li dan il-qafas tar-risoluzzjoni, flimkien mas-setgħat preventivi mmirati lejn is-simplifikazzjoni tal-istrutturi legali u operatorji fil-każijiet fejn ditta tkun irrizolvibbli, ser jiżgura li l-awtoritajiet tar-risoluzzjoni jistgħu jimmaniġjaw il-falliment tal-istituzzjonijiet kollha koperti mill-qafas, irrispettivament mid-daqs u interkonnnettività tagħhom, mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-istabilità finanzjarja.

¹⁹ Fit-tnejn li huma, likwidazzjoni ordinarja u stralċ ordinarju, id-ditta essenzjalment ma tibqax teżisti totalment jew parzjalment. Għalhekk tiġi trattata bħala negozju avvjat.

²⁰ Ara t-Taqsima 3.6.

Riżoluzzjoni u insolvenza



Il-qafas tar-riżoluzzjoni ser jeħtieġ li jinkludi għodod tar-riżoluzzjoni li jkun fihom taħlita ta' setgħat tar-riżoluzzjoni. Il-qafas ser jispeċifika kemm l-għodod kif ukoll is-setgħat, flimkien ma' kundizzjonijiet ta' livell limitu li jridu jiġu ssodisfati qabel ma jiġu applikati u eżerċitati.

L-għodod tar-riżoluzzjoni jinkludu l-bejgħ ta' għodda ta' negozju li tippermetti lill-awtoritajiet iwettqu bejgħ ta' istituzzjoni ta' kreditu jew partijiet tal-operazzjonijiet tagħha lil xerrej wieħed jew aktar mingħajr il-kunsens tal-azzjonijisti²¹; għodda ta' bank tranżitorju li tippermetti lill-awtoritajiet jittrasferixxu l-operazzjonijiet kollha jew parti minnhom lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu falliew (inkluż id-depożiti tagħha jew il-ktieb ipotekarju) lil bank tranżitorju temporanju²²; għodda ta' separazzjoni tal-assi li tippermetti lill-awtoritajiet jittrasferixxu assi bi prestazzjoni ħażina jew 'tossiċi' għal mekkaniżmu separat ('bank tal-assi ħażina') sabiex titnaddaf il-karta bilanċjali tal-bank f'diffikultà; u għodda ta' tniżżil fil-valur tad-dejn li jiġi diskuss aktar fit-Taqsima 3.6. **Is-setgħat tar-riżoluzzjoni** huma s-setgħat legali varji li, f'kombinazzjonijiet differenti, jeżerċitawhom l-awtoritajiet meta japplikaw l-għodod tar-riżoluzzjoni. Dawn jinkludu s-setgħat importanti li jiġu ttrasferiti l-ishma, jew assi, fi drittijiet jew obligazzjoniet ta' bank li jkun qed ifalli jew enetità oħra bħal istituzzjoni finanzjarja oħra jew bank tranżitorju; setgħat biex jiħassru jew jiġu kkanċellati ishma, jew jitniżżel fil-valur jew jiġi kkonvertit dejn ta' bank li jkun qed ifalli; setgħa biex jitbiddel il-maniġment superjuri u setgħa biex jiġi impost moratorju temporanju fuq il-ħlas tal-

²¹ Il-bejgħ ta' istituzzjonijiet jew partijiet mill-operat tagħhom għandu, sa fejn ikun fattibbli fiċ-ċirkostanzi, jitwettaq b'mod li jkun miftuħ, trasparenti u nondiskriminatorju. Dan huwa l-aħjar mod li bih jiġi żgurat li jiħallas prezz ġust tas-suq u b'hekk ma tingħata l-ebda għajjnuna mill-Istat lill-akkwired. Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li ser ikun hemm ċirkostanzi li fihom bejgħ irid jitlestha f'perjodu qasir ħafna biex tiġi ppreservata l-istabilità finanzjarja. F'tali każijiet, proċess normali ta' offerti pubbliċi mhux ser ikun possibbli, imma r-reqwiziti ta' trasparenza, aċċessibilità u nondiskriminazzjoni ser jeħtieġu li kemm jista' jkun possibbli jkunu rispettati.

²² L-iskop ta' struttura ta' bank tranżitorju huwa li jiġi ffaċilitat aċċess kontinwu għad-depożiti assigurati jew il-preservazzjoni tal-funzjonijiet bankarji essenzjali għal perjodu limitat, bil-ħsieb li jinbiegħ bil-quddiem lis-settur privat meta l-kundizzjonijiet tas-suq jistabilizzaw.

pretensjonijiet. Jistgħu wkoll ikunu meħtieġa setgħat supplimentari, inkluż setgħa li teħtieġ kontinwità tas-servizzi essenzjali mill-partijiet l-oħra tal-grupp.

L-applikazzjoni ta' dawn l-għodod u s-setgħat tista' tinterferixxi mad-drittijiet tal-azzjonisti u, f'bosta każijiet, tal-kredituri. Għaldaqstant, il-qafas għandu jinkludi salvagwardji u mekkaniżmi għall-kumpens fejn neċessarju. Il-prinċipju gwida għall-kumpens li l-Kummissjoni qed tikkunsidra huwa li l-azzjonisti ma għandhomx iġarrbu telf akbar milli kienu jġarrbu kieku l-istituzzjoni tkun ġiet stralċata skont ir-reġim ta' insolvenza applikabbli²³.

Barra minn hekk, il-qafas ser jinkludi wkoll salvagwardji għall-kontropartijiet u arranġamenti għas-swieq li jistgħu jitwettqu bi trasferiment ta' proprjetà, assi jew obligazzjonijiet, flimkien ma' dispożizzjonijiet dwar sħarriġ ġudizzjali biex jiġi żgurat li l-partijiet affettwati jkollhom drittijiet xierqa biex jikkontestaw l-azzjonijiet tal-awtoritajiet u jfittxu rimedju finanzjarju. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-qafas għandu jiġi inkluż fid-dispożizzjonijiet għal żamma temporanja tad-drittijiet tas-saldu totali bil-quddiem f'likwidazzjoni fejn l-awtoritajiet jittrasferixxu kuntratti rilevanti bħala parti minn miżura tar-riżoluzzjoni, u ser jikkonsultaw mal-esperti dwar id-dettalji ta' tali dispożizzjoni. Tista' tkun meħtieġa wkoll aktar kunsiderazzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet f'likwidazzjoni b'rabta mal-miżuri ta' intervent bikri.

Qed jiġi propost li l-qafas ma għandux ikun preskrittiv b'mod riġidu dwar il-mezzi legali li bihom is-setgħat jiġu eżerċitati. Bħalissa jeżistu għadd ta' mudelli fl-Istati Membri, inkluż l-amministrazzjoni, ir-riċeviment u l-eżerċizzju sempliċi tas-setgħa eżekuttiva. Ma jidhirx neċessarju għall-kooperazzjoni effiċjenti li jiġi impost mudell singolu f'dan l-istadju.

Dawn l-għodod u s-setgħat jrid jiġu applikati u eżerċitati b'mod li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tat-trattati tal-UE, u partikolarment mal-qafas tal-ġhajjnuna mill-Istat fejn applikabbli.

3.6. Tnaqqis fil-valur ta' dejn

L-isfida tar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji kumplessi u kbar (IFKK) hija l-mira tad-diskussjonijiet internazzjonali attwali. Il-fassala tal-politika jirrikonoxxu li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn l-għodod tar-riżoluzzjoni l-oħra deskritti hawn fuq jista' ma jkunux suffiċjenti biex tiġi riżolta IFKK b'mod li tiġi protetta l-istabilità finanzjarja. Pereżempju, fi kriżi sistemika proċeduri tradizzjonali ta' riżoluzzjoni jistgħu ma jippermettux lill-awtoritajiet iżommu l-attivitajiet sistemikament kruċjali għal bank kummerċjali kbir, bħas-sistemi ta' pagament u l-funzjonijiet tas-self tiegħu. Dan in-negozju jista' jkun kbir wisq biex jinbiegħ lil banek oħra fil-kundizzjonijiet prevalenti mingħajr appoġġ mill-gvern jew mingħajr impatt antikompettitiv sinifikanti, filwaqt li jekk jekk jiġi stralċat, il-funzjonijiet kummerċjali tiegħu jistgħu ma jiġux sostitwiti faċilment minn operatori eżistenti jew ġodda. Il-Kummissjoni għalhekk qed tikkunsidra mekkaniżmi supplimentari maħsuba biex jippermettu l-istituzzjoni tkompli bħala negozju avvjat, sabiex tkun tista' tiġi riorganizzata jew, fejn xieraq, ċerti attivitajiet jiġu stralċati b'mod ordnat li jimminimizza l-kontaġju.

Mekkaniżmu bħal dan li qed jiġi kkunsidrat huwa li titniżżel fil-valur l-ekwità kollha u l-konverżjoni tad-dejn ta' istituzzjoni f'diffikultà f'ekwità, li tiġi rrestawrata l-pożizzjoni kapitali tagħha sabiex ikun possibbli għaliha tkompli (temporanjament jew permanentement)

²³ Dan il-prinċipju qiegħed attwalment jiġi applikat f'għadd ta' ġurisdizzjonijiet.

bħala negozju avvjat. Madankollu, jeżistu mistoqsijiet legali u ta' politika sinifikanti. Dawn jinkludu:

- jekk il-mekkaniżmu għandux jiġi bbażat fuq setgħa statutorja għall-awtoritajiet biex iniżżlu fil-valur jew jikkonvertu dejn skont kundizzjonijiet speċifikati, jew fuq termini kuntrattwali mandatorji għat-tniżżil fil-valur jew konverżjoni li jkunu jeħtieġu jiġu inklużi fi proporzjon tad-dejn maħruġ minn istituzzjonijiet finanzjarji koperti mill-qafas tal-immaniġġjar tal-kriżijiet;
- jekk is-setgħa tkun statutorja, il-klassijiet tad-dejn li għandhom jiġu koperti (pereżempju, kwistjonijiet legali u ta' politika diffiċli jinħolqu fir-rigward ta' kredituri kummerċjali, derivati, depożiti fil-livell tal-operaturi, dejn garantit, obligazzjonijiet intragrupp²⁴) u l-impatt li l-ambitu tal-applikazzjoni jkollu fuq il-gradazzjoni tad-dejn²⁵;
- l-impatt fuq il-kost tal-finanzjament, ir-riskju tat-trasformazzjoni tal-finanzjament f' dejn ta' terminu qasir jew garantit, il-ħtieġa li tiġi rregolata l-kolonna tal-obbligazzjonijiet fil-karta bilanċjali, u l-ħtieġa possibbli ta' bidla fil-gradazzjoni ta' ċerti kredituri;
- il-komplessitajiet tal-applikazzjoni ta' din l-ġħodda għal grupp transfruntier, u l-ħtieġa li jiġi rikonoxxut kwalunkwe tniżżil fil-valur jew konverżjoni minn qrati barranin fejn id-dejn ikun irreġistrat jew irregolat minn dritt li ma jkunx ta' ġurisdizzjoni tal-UE.

Il-Kummissjoni tinnota li qed tiġi kkunsidrata firxa ta' inizjattivi b'għanijiet simili ta' titjib bl-assorbiment tat-telf permezz ta' konverżjoni tad-dejn għal ekwità jew it-tniżżil fil-valura tad-dejn qabel il-bank isir negozju avvjat. Dawn jinkludu r-rekwiżit propost diskuss fil-ktiba ta' konsultazzjoni tal-Kumitat ta' Basel tad-19 ta' Awwissu li l-kapital ta' dejn subordinat kollu għandu jkun konvertibbli f'ekwità fil-punt ta' nonvijabilità jew intervent pubbliku. Il-Kummissjoni ser tikkonsulta aktar dwar l-implimentazzjoni tagħha ta' kwalunkwe regoli ġodda dwar il-kapital kontinġenti konvertibbli li jistgħu jiġu adottati, u ser tiżgura li l-iżvilupp ta' kwalunkwe proposta dwar it-tniżżil fil-valur tad-dejn bħala ġħodda tar-riżoluzzjoni tkun koordinata ma' din.

Minkejja l-isfidi tekniċi ppreżentati mit-tfassil ta' mekkaniżmu tat-tniżżil fil-valur tad-dejn, il-Kummissjoni tqis li toffri ġħodda addizzjonali ta' riżoluzzjoni li konsiderevolment ittejjeb l-abilità tal-awtoritajiet li jirriżolvu IFKK. Jekk ma jkun hemm l-ebda mekkaniżmu effikaċi għall-immaniġġjar tal-falliment ta' tali istituzzjonijiet mingħajr taqlib sistemiku, tal-anqas l-argument għal rekwiżiti prudenzjali addizzjonali, flimkien ma miżuri strutturali maħsuba biex tiġi żgurata r-rizolvibilità bħala alternattiva għal assorbenza mtejbja tat-telf jitqawwa.

4. KOORDINAZZJONI TA' MMANIĠJAR TAL-KRIŻIJET TRANSFRUNTIERI

4.1. Riżoluzzjoni koordinata ta' gruppi bankarji tal-UE

Il-miżuri spjegati fit-Taqsima 2 ser jiżguraw li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jkollhom l-istess ġħodod u setgħat għad-dispożizzjoni tagħhom. Dan jiffaċilita azzjoni koordinata fil-każ ta'

²⁴ Għandha tingħata attenzjoni għat-tfassil tal-ġħodda sabiex ma jiġux żvantaġġati ċertu kategoriji ta' investituri bħall-investituri fil-livell tal-konsumaturi u l-SMEs.

²⁵ Il-Kummissjoni temmen li bħala kwistjoni ta' prinċipju kwalunkwe tniżżil fil-valur tad-dejn għandu jiġi applikat b' mod li jiġi rispettata il-gradazzjoni fl-insolvenza.

falliment ta' grupp transfruntier imma azzjoni ulterjuri tidher neċessarja biex tiġi promossa l-kooperazzjoni u tipprevjeni l-frammentazzjoni fir-risponsi nazzjonali.

Fil-prinċipju, qafas integrat għar-risoluzzjoni tal-entitajiet transfruntieri minn korp singolu Ewropew iwassal għal proċess tar-risoluzzjoni rapidu, deċiżiv u ekwitabbli għall-gruppi finanzjarji Ewropej, u jirrifletti aħjar in-natura pan-UE tas-swieq bankarji. Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jkun diffiċli li jiġi stabilit mudell integrat tal-UE għar-risoluzzjoni ta' gruppi bankarji transfruntieri fin-nuqqas ta' reġim armonizzat ta' insolvenza u awtorità Superviżorja Ewropea Singola għal dawk l-entitajiet. Il-Kummissjoni tqis li l-approċċ Ewropew għar-risoluzzjoni għandu jirrispekkja l-approċċ usa' tal-arranġamenti superviżorji.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tiffavorixxi, bħala l-ewwel pass, qafas ta' koordinazzjoni msejjes fuq għodod armonizzati tar-risoluzzjoni u rekwiżit għall-awtoritajiet biex jikkonsultaw u jikkooperaw meta jirriżolvu entitajiet affiljati. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qed tikkunsidra żewġ riformi prinċipali.

L-ewwel, il-kulleġġi tar-risoluzzjoni jkunu stabiliti fil-qofol tal-kulleġġi superviżorji eżistenti permezz tal-inklużjoni tal-awtoritajiet tar-risoluzzjoni tal-entitajiet ta' grupp. Il-kulleġġi tar-risoluzzjoni jkunu ppreseduti mill-awtorità tar-risoluzzjoni responsabbli għall-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali tal-UE ("l-awtorità tar-risoluzzjoni fil-livell tal-grupp"), u jkunu responsabbli għall-ippjanar tal-kriżijiet u l-preparazzjoni tal-pjanijiet tar-risoluzzjoni inkluż, fejn xieraq, il-prinċipji għall-qsim tal-piżijiet. Fil-każ ta' kriżi, il-kulleġġ tar-risoluzzjoni jipprovdi forum għall-iskambju ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni tal-miżuri tar-risoluzzjoni.

It-tieni, l-awtoritajiet tar-risoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandu jkollhom is-setgħa jiddeċiedu fil-każijiet fejn il-falliment ta' grupp jekk tkunx xierqa skema tar-risoluzzjoni tal-grupp. Sakemm tittieħed dik id-deċiżjoni, li tkun teħtieġ tittieħed kemm jista' jkun malajr, l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jeħtieġu joqgħodu lura milli jadottaw miżuri nazzjonali li jistgħu jippreġudikaw l-effikaċa tal-iskema tar-risoluzzjoni tal-grupp. L-awtorità tar-risoluzzjoni fil-livell tal-grupp, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet l-oħra fil-kulleġġ tar-risoluzzjoni, tista' tikkonkludi li r-risoluzzjoni ta' entitajiet separati tkun l-aktar idonea għall-istruttura u l-organizzazzjoni tal-grupp, u f'dak il-każ kull awtorità nazzjonali tiegħu deċiżjonijiet indipendenti. Skema tar-risoluzzjoni tal-grupp tisfejjes fuq pjan tar-risoluzzjoni tal-grupp diġà mħejji mill-awtoritajiet rilevanti u tkun implimentata mill-awtoritajiet nazzjonali bl-użu ta' għodod u setgħat tar-risoluzzjoni skont il-qafas il-ġdid.

Il-produzzjoni ta' skema tar-risoluzzjoni ta' grupp f'każijiet xierqa għandha tiffaċilità r-risoluzzjoni koordinata li hija aktar probabbli li twassal għall-aqwa riżultat għall-grupp. Madankollu, minħabba li s-setgħat tar-risoluzzjoni jiġu applikati għall-entitajiet ġuridiċi individwali u l-kompetenza tar-risoluzzjoni tibqa' nazzjonali, l-iskema tar-risoluzzjoni ta' grupp ma tkunx vinkolanti. L-awtoritajiet nazzjonali li ma qablux mal-iskema ma jiċċaħdux milli jieħdu azzjoni indipendenti fejn iqisu li tkun neċessarja għal raġunijiet ta' stabilità finanzjarja nazzjonali, imma meta jagħmlu hekk ikunu meħtieġa jikkunsidraw l-impatt ta' dik l-azzjoni fuq l-istabilità finanzjarja fl-Istati Membri l-oħra, jagħtu raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħhom lill-kulleġġ tar-risoluzzjoni u, fejn fattibbli fil-limiti taż-żmien, jiddiskutu dawk ir-raġunijiet mal-membri l-oħra tal-kulleġġ qabel jieħdu azzjoni individwali.

Dan il-qafas jilħaq bilanċ xieraq bejn il-koordinazzjoni tal-miżuri nazzjonali li tkun neċessarja biex tindirizza koerentement grupp li jkun qed ifalli, u l-ħtieġa ġustifikata għall-awtoritajiet biex jaġixxu rapidament u deċiżivament fejn is-sitwazzjonijiet jeħtieġu hekk.

4.2. Qafas ta' koordinazzjoni ma' pajjiżi terzi

Riżoluzzjoni effikaċi ta' gruppi attivi internazzjonalment teħtieġ, tal-anqas, rikonoxximent reċiproku u miżuri ta' infurzar meħuda mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti. Il-ftehimiet internazzjonali neċessarji biex jintlaħaq dan ser ikunu aktar faċli jekk ir-reġimi tar-riżoluzzjoni jissejsu fuq prinċipji u approċċi komuni, u l-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tal-FSB u l-G20 f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni speċifiċi ta' saħħa bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-immaniġjar tal-falliment ta' ditti globali, bl-għan li jiġi żgurat ippjanar, teħid ta' deċiżjonijiet u koordinazzjoni effikaċi fir-rigward tal-grupp internazzjonali.

4.3. Ir-rwol tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej fl-immaniġjar tal-kriżijiet

Il-qafas spjegat f'din il-Komunikazzjoni huwa totalment konsistenti mar-Regolamenti miftiehma reċentement li jstabilixxu l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. B'riżultat tan-negozjati fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill, ir-Regolamenti dwar l-ASE estendew ir-rwol tal-ASE għal bosta oqsma inkluż fil-qasam azzjonijiet tal-immaniġjar tal-kriżijiet, ta' preparazzjoni u preventivi. Partikolarment, l-ABE (b'kooperazzjoni mal-AETS fejn xieraq) tista', fil-limiti stipulati mid-dritt tal-UE, tingħata s-sorveljanza u kompiti speċifiċi b'rabta mal-aspetti tal-parijiet preparatorji, preventivi, ta' intervent bikri u koordinazzjoni tal-qafas, inkluż setgħat biex jiġu investigati ksur tad-dritt tal-UE, tal-medjazzjoni u tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza²⁶. Barra minn hekk, l-ABE jkollha rwol kruċjali fil-koordinazzjoni transfruntiera skont il-qafas, bħala osservatur fil-kulleġġi tar-riżoluzzjoni u jkollha rwol importanti fil-kontribut favur u l-parteċipazzjoni fl-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni²⁷. F'oqsma fejn japplikaw is-setgħat tal-ASE ta' medjazzjoni u teħid ta' deċiżjonijiet ta' emerġenza, is-salvagwardja fiskali²⁸ tkun tapplika wkoll, u tiżgura li kwalunkwe deċiżjoni tal-ASE ma tinterferixxix b'xi mod lir-responsabilitajiet tal-Istati Membri.

Fir-rigward tar-riżoluzzjoni, fejn l-awtoritajiet, għajr is-superviżuri, jistgħu jkunu involuti, il-Kummissjoni ser tqis bir-reqqa fejn l-aħjar l-ABE tkun tista' tappoġġa l-proċess. Pereżempju, l-ABE tista' tkun utli billi taġixxi bħala korp ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE fl-istess mod li s-superviżuri jappoġġaw l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni nazzjonalment. Madankollu, ma jistgħux jitwarrab ir-riskju ta' kunflitti ta' interess: raġuni waħda għaliex is-superviżuri u l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni f'bosta ġurisdizzjonijiet ikunu separati huwa biex jitnaqqsu l-inċentivi għat-tolleranza regolatorja.

²⁶ L-Artikoli 9, 10 u 11 tat-testi ta' kompromess dwar ir-Regolamenti tal-ASE miftiehem mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

²⁷ L-Artikolu 12c ff. tat-test ta' kompromess dwar ir-Regolament tal-ABE miftiehem mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

²⁸ L-Artikolu 23 tat-test ta' kompromess tar-Regolamenti tal-ASE miftiehem mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

5. L-IFFINANZJAR TAR-RIŻOLUZZJONI

Il-kost tar-riżoluzzjoni għandu primarjament jitħallas mill-azzjonisti u l-kredituri imma f'bosta każijiet dan ma jkunx biżżejjed. Jekk ir-riżoluzzjoni tkun alternattiva kredibbli, għandhom jiddaħħlu fis-seħħ arranġamenti xierqa ta' finanzjament. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju, il-Kummissjoni fi ħsiebha tipproponi l-istabiliment ta' fondi nazzjonali li jappoġġaw ir-riżoluzzjoni bankarja.

Il-Kummissjoni taħseb li approċċ koordinat fil-livell tal-UE huwa meħtieġ biex tiġi żgurata rabta ċara bejn il-mekkaniżmi ta' finanzjament u l-qafas il-ġdid tar-riżoluzzjoni. Arranġamenti kredibbli ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni għandhom jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-istabilità finanzjarja u jirriżultaw f'sistema aktar reżiljenti. Bl-eliminazzjoni ta' kwalunkwe differenza u distorsjoni potenzjali, approċċ komuni jtejjeb ukoll il-prospetti ta' kooperazzjoni transfruntiera effikaċi. Il-Kummissjoni temmen li sistema ta' fondi tar-riżoluzzjoni ffinanzjata ex ante f'perspettiva twila jnaqqsu l-kostijiet għas-soċjetà kollha.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni taħseb li approċċ komuni għal finanzjament tas-settur privat jista' jiffaċilita qbil dwar l-arranġamenti tal-qsim xieraq tal-piż tal-kostijiet tar-riżoluzzjoni, li jkunu importanti għar-riżoluzzjoni effiċjenti tal-entitajiet transfruntieri.

5.1. L-użu tal-fondi tar-riżoluzzjoni

L-eżistenza tal-fondi tar-riżoluzzjoni ser tiżgura li r-riżoluzzjoni tkun alternattiva kredibbli. Preokkupazzjonijiet dwar iż-żieda potenzjali fil-periklu morali assoċjat mal-eżistenza tal-fondi tar-riżoluzzjoni ser jiġu mmitigati jekk l-użu tal-fondi jkun ristrett biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju għall-għodod tar-riżoluzzjoni, pereżempju bl-iffinanzjar ta' bank tranżitorju temporanju jew billi jiġu ggarantiti l-obbligazzjonijiet tiegħu biex jiġi pprevenut il-prelevament tal-kreditu.

Fil-każijiet fejn l-għan tal-miżuri tar-riżoluzzjoni (bħat-tniżżil fil-valur tad-dejn) ikun li tiġi rrestawrata entità fid-diffikultà għal negozju avvjat, kwalunkwe provvediment anċillari ta' finanzjament temporanju jrid ikun akkumpanjat minn miżuri xierqa biex l-entità tiġi ristrutturata, jitneħħa l-maniġment ħati, jitniżżel il-valur għall-kredituri ordinarji u jiġu dilwiti jew jitħassru l-pretensjonijiet tal-azzjonisti eżistenti.

Kwalunkwe provvediment ta' finanzjament b'appoġġ tar-riżoluzzjoni (inkluż kapital, likwidità, garanziji jew miżuri oħra) irid jikkonforma mat-Trattati tal-UE, partikolarment mal-qafas tal-għajnuna mill-Istat fejn dan jinvolvi l-użu ta' riżorsi pubbliċi²⁹ u fejn vantaġġ li jista' jwassal għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ intra-UE jiġi pprovdut lil entità ekonomika li tkompli topera fis-suq, anki b'mod limitat.

5.2. Il-fondi tar-riżoluzzjoni u l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti

Il-fondi tar-riżoluzzjoni u l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti ma għandhomx l-istess skop. Madankollu, f'xi Stati Membri, SGD diġà jinsabu f'pożizzjoni li jipprovdu ċerti forom ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni. Il-Kummissjoni pproponiet f'Lulju³⁰ li l-fondi ex ante tas-SGD

²⁹ Riżorsi pubbliċi ġeneralment jitqiesu li jkunu involuti fejn il-fondi jiġu mill-kontribuzzjonijiet imposti b'leġiżlazzjoni tal-Istat u jkunu mmaniġjati u razzjonati skont dik il-leġiżlazzjoni, anki jekk dawn ikunu amministrati minn istituzzjonijiet separati mill-Istat (ara pereżempju l-Kawża 173/73 *l-Italja vs il-Kummissjoni* [1974] Ġabra 709, il-paragrafu 16).

³⁰ COM(2010) 368.

ikunu jistgħu jintużaw għall-miżuri tar-risoluzzjoni bankarja li jinvolvu t-trasferiment tad-depożiti lil entità oħra (pereżempju, il-bejgħ lil jew fużjonijiet ma' entità oħra mis-settur privat, jew bank tranżitorju) sakemm l-ammont tal-fondi tas-SGD użat ma jaqbiżx l-ammont li kieku jkun neċessarju biex jitħallsu lura d-depożituri.

L-introduzzjoni tal-qafas il-ġdid tal-immaniġjar tal-kriżijiet jista' jestendi l-ħtieġa għall-finanzjament lil hinn minn miżuri mmirati lejn il-preservazzjoni tad-depożiti garantiti. Il-kostijiet ta' tali miżuri ulterjuri jistgħu jaqgħu taħt il-fond tar-risoluzzjoni. Barra minn hekk, sistema ta' finanzjament tar-risoluzzjoni li tkun iffinanzjata totalment abbażi ta' depożiti assigurati tippenalizza inġustament istituzzjonijiet iżgħar u aktar speċjalizzati li jieħdu d-depożiti b'vantaġġ għall-banek akbar universali li jkollhom struttura tal-karta bilanċjali aktar diversifikata u jkunu potenzjalment sistemikament aktar importanti. Madankollu, ser jiġu esplorati aktar is-sinerġiji potenzjali bejn is-SGD u l-fondi tar-risoluzzjoni.

5.3. It-tfassil tal-fondi tar-risoluzzjoni

Minkejja li l-Kummissjoni ma tqisx neċessarja li tippreskrivi kull aspett li jirregola l-operazzjoni tal-fondi, l-elementi segwenti għandhom, fl-opinjoni tagħha, ikunu kkoordinati:

- Banek soġġetti għall-qafas tal-immaniġjar tal-kriżijiet jikkontribwixxu għall-**fondi ex ante**, sostnuti minn arranġamenti ta' finanzjament *ex post* li jiżguraw li l-finanzjament ikun disponibbli irrispettivament mid-daqs tal-bank fallut, u l-kostijiet li jeċċedu l-kapaċità tal-fond jiġu sussegwentement irkuprati mis-settur bankarju.
- **Rekwiżiti ta' kontribuzzjoni lill-fondi** għandhom jirriflettu l-allokazzjoni tar-responsabilità għas-superviżjoni u l-immaniġjar tal-kriżijiet. Bħas-SGD, kull fond tar-risoluzzjoni jirċievi kontribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet liċenzjati fl-istess Stat Membru, u l-kontribuzzjoni tkun tkopri l-fergħat stabili fi Stati Membri oħra.
- Il-**bażi għall-kontribuzzjonijiet** ser teħtieġ titqies bir-reqqa. Filwaqt li l-Kummissjoni fil-prinċipju tqis l-armonizzazzjoni totali bbażata primarjament fuq l-obbligazzjonijiet bħala l-alternattiva preferuta għall-kostijiet tar-risoluzzjoni, jistgħu jitqiesu alternattivi oħra f'dan l-istadju, bl-għan li aktar tard tiġi armonizzata l-bażi għall-kontribuzzjonijiet. Jekk ikun ġustifikat mill-istruttura tas-sistema finanzjarja tagħhom jew il-kostijiet potenzjali tar-risoluzzjoni, l-Istati Membri jistgħu jingħataw il-flessibilità li jiddeċiedu dwar bażi differenti għall-kontribuzzjonijiet, sakemm dan ma jirriżultax f'distorsjoni għas-Suq Intern. Il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-kostijiet u l-benefiċċji ta' kull approċċ u tqis bir-reqqa l-opinjoni ta' partijiet interessati differenti.

Filwaqt li jidher xieraq li timmira lejn netwerk ta' fondi nazzjonali tar-risoluzzjoni bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni taħseb li fond Singolu tal-UE jkun jaqdi aħjar l-iskop ta' reġim tal-UE effiċjenti tar-risoluzzjoni. Tali fond ikun jeħtieġ bażi armonizzata għall-kontribuzzjonijiet.

5.4. Id-daqs tal-fond

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li tikkalibra d-daqs tal-fondi nazzjonali armonizzati fid-dawl tal-piżijiet imposti minn riformi oħra fis-settur finanzjarju. Il-fondi għandhom jiddaħħlu gradwalment u l-kontribuzzjonijiet jiġu ddebitati inizjalment f'livell aktar baxx u jiżiedu hekk kif tirkupra l-ekonomija.

Sabiex jiġi ddeterminat id-daqs fil-mira tal-fondi, il-Kummissjoni ser tqis speċifikament il-valutazzjoni tal-impatt tagħha dwar il-kost tal-miżuri reċenti tar-risoluzzjoni u tqis li d-daqs tal-fond għandu jiddependi wkoll fuq l-impatt tar-riformi bħar-rekwiżiti kapitali ogħla u titjibiet fil-kwalità tal-kapital għall-assorbiment tat-telf, kif ukoll l-effikaċja tal-assorbituri l-oħra tax-xokkijiet (pereżempju s-SGD), li jistgħu jimmitigaw kemm il-probabilità u l-impatt ta' falliment ta' bank. Barra minn hekk, billi parti min-nefqa tal-fond tar-risoluzzjoni tista' tiġi rkuprata (pereżempju, mill-bejgħ ta' bank tranżitorju), dan jista' jnaqqas aktar id-daqs fil-mira. Fl-aħħar nett, ser ikun possibbli li jiġu aġġustati l-ammonti miżmuma fil-fondi fid-dawl tal-esperjenza attwali sabiex dawn jirriflettu l-ħtiġijiet antiċipati ta' finanzjament b'mod aktar preċiż.

6. IL-PASSI LI JMISS U ĦIDMA FUTURA

6.1. Il-Passi li Jmiss: Qafas ta' koordinazzjoni (2011)

Il-Kummissjoni issa qed taħdem fuq qafas għall-immaniġjar tal-kriżijiet u l-valutazzjoni tal-impatt li ser tagħti informazzjoni dwar l-iżvilupp tiegħu u takkumpanja l-proposta formali fir-rebbiegħa 2011. Qabel tiġi adottata l-proposta tagħha, il-Kummissjoni ser tikkonsulta dwar id-dettalji tekniċi tad-dispożizzjonijiet possibbli tagħha f'Diċembru 2010. Dan il-qafas ser ikopri l-oqsma ta' politika spjegati f'din il-Komunikazzjoni: l-armonizzazzjoni tal-għodod, il-koordinazzjoni tal-miżuri nazzjonali u l-arranġamenti ta' finanzjament.

Għal dawn l-għanijiet tal-qafas, il-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza ser jitbiddu biss safejn ikun neċessarju biex jappoġġaw il-miżuri spjegati hawn fuq. Dan jista' jinkludi modifiki meħtieġa biex jiġu kkonferiti l-protezzjonijiet neċessarji għall-kredituri u l-azzjonisti tal-entità ċessjonarja fejn l-assi jkunu ttrasferiti bejn entitatijiet tal-grupp (it-Taqsima 3.3), u l-preferenza tad-depożituri fejn dan ikun mixtieq fid-dawl ta' setgħa statutorja ta' tniżżil fil-valur ta' dejn.

6.2. Ħidma futura:

Qafas ta' insolvenza (terminu medju)

Il-Kummissjoni ser teżamina l-ħtieġa għal aktar armonizzazzjoni tar-reġimi tal-insolvenza bankarja bil-mira possibbli ta' risoluzzjoni u likwidazzjoni tal-banek skont l-istess regoli proċedurali u sostantivi tal-insolvenza. Dan jinkludi:

Kemm ikunu mixtieqa l-proċedimenti amministrattivi għal-likwidazzjoni tal-banek biex tiġi ffaċilitata likwidazzjoni aktar mgħaġġla u ordinata mill-proċedura standard ibbażata fil-qorti. L-armonizzazzjoni tal-prinċipji ta' qofol tal-liġi dwar l-insolvenza bankarja, inkluż il-gradazzjonijiet prijoritarji u r-regoli dwar azzjonijiet ta' rpiljar.

Il-Kummissjoni ser tippubblika rapport dwar aktar armonizzazzjoni tal-liġi dwar l-insolvenza sa tmiem l-2012.

Qafas integrat (terminu twil)

Flimkien mal-eżami tar-Regolament tal-ABE fl-2014, il-Kummissjoni ser tivvaluta kif qafas aktar integrat għar-risoluzzjoni ta' gruppi transfrontieri jista' jintlaħaq bl-aħjar mod. Dan jista' jinvolvi awtorità tal-UE; madankollu l-kapaċità operazzjonali ta' tali awtorità tkun tiddependi fuq l-istabilitment ta' reġim tal-UE tar-risoluzzjoni u l-insolvenza u ta' fond tal-UE tar-risoluzzjoni ffinanzjat fuq bażi armonizzata.

7. KONKLUŻJONI

L-azzjonijiet ta' politika futuri spjegati f'din il-Komunikazzjoni jirrinforzaw konsiderevolment ir-reżiljenza tas-sistema finanzjarja billi jiġi żgurat li d-ditti u l-awtoritajiet ikunu ppreparati u f'pożizzjoni aħjar biex jindirizzawhom fi stadju bikri. Il-Kummissjoni ser tipproċedi b'dawn l-azzjonijiet skont il-programm ta' ħidma meħmuż, sabiex l-awtoritajiet fl-Ewropa jkollhom l-għodod neċessarji u r-riżorsi finanzjarji biex jintervjenu effikaċement u biex jimmaniġjaw il-falliment ta' bank jew ditta ta' investiment b'mod ordnat li jimminimizza l-impatt sistemiku u l-kostijiet finali għall-finanzi pubbliċi u l-kontribwenti fiskali.

Azzjonijiet ta' politika futuri

Għanijiet	Azzjoni proposta	Skadenza
<i>Qafas ta' koordinazzjoni</i>		
Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom reġim għall-immaniġjar tal-kriżijiet effikaċi għall-banek u ċerti ditti ta' investiment, b'setgħat suffiċjenti u armonizzati għall-intervent bikri u r-riżoluzzjoni	Proposta għal Direttiva dwar l-immaniġjar tal-kriżijiet tinkludi: - setgħat superviżorji usa' - rekwiżiti għall-ippjanar xieraq, inkluż l-irkupru u l-pjanijiet tar-riżoluzzjoni - għodod armonizzati tar-riżoluzzjoni	Rebbiegħa 2011
Sabiex jiġu żgurati l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni effikaċi bejn l-awtoritajiet fil-każ ta' falliment ta' ditta transfruntiera	Proposta għal Direttiva dwar l-immaniġjar tal-kriżijiet tinkludi qafas ta' koordinament transfruntier	Rebbiegħa 2011
Sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament tas-settur privat ikun disponibbli biex jappoġġa azzjonijiet ta' mmaniġjar tal-kriżijiet	Proposta għal Direttiva dwar l-immaniġjar tal-kriżijiet tinkludi dispożizzjoni għall-istabiliment ta' fondi nazzjonali tar-riżoluzzjoni	Rebbiegħa 2011
Sabiex jiġi vvalutat x'miżuri ta' mmaniġjar ta' kriżijiet ikunu meħtieġa għal istituzzjonijiet finanzjarji oħra	Rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew	Tmiem l-2011
<i>Insolvenza</i>		
Sabiex jiġi vvalutat x'rifirma tal-UE tar-reġimi tal-insolvenza bankarja tkun meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-likwidazzjoni tkun alternattiva realistika għall-banek li jkunu qed ifallu u biex jiġu indirizzati d-defiċenzi attwali fil-proċeduri tal-insolvenza għall-gruppi bankarji transfruntieri.	Rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew flimkien, fejn xieraq, ma' proposta leġislattiva	Tmiem l-2012
<i>Riżoluzzjoni integrata għall-gruppi bankarji transfruntieri</i>		
Sabiex jiġi vvalutat kif qafas aktar integrat għar-riżoluzzjoni ta' gruppi bankarji transfruntieri jista' jintlaħaq bl-aħjar mod, inkluż bl-involviment ta' awtorità tal-UE fir-riżoluzzjoni	Biex titqies flimkien mal-eżami tar-Regolament tal-ABE	2014
Sabiex tiġi vvalutata l-ħtieġa ta' fond tar-riżoluzzjoni biex jikkomplimenta approċċ integrat għar-riżoluzzjoni ta'	Biex titqies flimkien mal-eżami tar-Regolament tal-ABE	2014

gruppi bankarji transfrontieri